**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 901/97

John Borg

vs

Kalaxlokk Company Ltd, Onorevoli Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u Novita' Construction Co. Ltd.

Illum 1 ta' Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1988 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit lura mal-Gvern mill-Kalaxlokk.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif  gej:

Illi hu kien impjegat tal-Gvern mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bhala Auto Electrician. Hu kien gie "seconded mal-kumpanija Kalaxlokk fis-sena 1982. Fiz-zmien li ghamel jahdem mal-kumpanija Kalaxlokk hu qatt ma kellu rapporti hziena u dejjem ghamel xogholu kif suppost.

Illi fl-1 ta' Lulju 1988, hu kien obda direttiva tal-General Workers Unions li hu membru taghha sabiex johrog fuq strike wara li dahlu Malta numru ta' vapuri ta' taghmir nukleari. Meta dahal lura ghax-xoghol hu kien gie mibghut lura il-Garaxx tal-Gvern u meta staqsa ghalfejn, it-twegiba kienet li ma kienx hemm aktar bzonnu fil-Kumpanija. Intant f'riklam li deher fil-gurnali, ezatt f'Novembru 1988 (Dok C) wara li hu kien gie trasferit intalbu in-nies biex jahdmu mal-kumpanija bhala Auto Electrical Fitters, ix-xoghol li kien jaghmel hu. Kienet ukoll tnaqqsitlu il-paga b'madwar Lm13.00 fil-gimgha meta rritorna mal-Gvern. Illi dan it-transfer lura mal-Gvern kien wiehed vendikattiv u politiku.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddecidi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu jigi ordnat illi jigi kkumpensat tal-flus li tilef f'paga u allowances kif ukoll li jerga' jigi sekondat

mal-Kalaxlokk Company Limited jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma verjuri.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata N.O.V.I.T.A'. Construction Company Limited li eccepiet:

Illi hi qatt ma kellha ebda rapport konrattwali jew guridiku mar-rikorrent John Borg fl-epoka tal-fatti lamentati minnu u b'hekk qatt ma tista tigi kundannata ai termini tat-talbiet tal-istess rikorrent.

Ghaldaqstant is-socjeta' intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tar-rikorrent, bl-ispejjez kontrih.

B'riserva ta' sottomissjonijiet ohra fi stadju ulterjuri tal-proceduri, jekk ikun il-kaz.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, li eccepew:

Illi r-rikorrent gie mpjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979. Hu lahaq il-grad ta' Motor Mechanic Auto Fitter fid-9 ta' Jannar 1981. Permess

tar-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Senior Tradesman fi Skala 14.

Illi l-intimat ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrent, billi huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mat-trasferiment in kwistjoni.

Illi r-rikorrent gie sekondat mal-Kumpanija Xlokk Construction b'effett mit-8 ta' Frar 1982.

Illi r-rikorrent gie mibghut lura fi hdan id-Dipartiment tax-Xoghlijiet b'effett mill-4 ta' Lulju 1988 flimkien ma ghaxar impjegati ohra fuq struzzjonijiet espliciti tal-Kumpanija msemmija.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tal-Kalaxlokk Co. Ltd. li eccepiet:

Illi r-rikorrent jilmenta li hu sofra ngustizzja ghax gie "trasferit" lura mal-Gvern mill-Kalaxlokk.

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent stante li fir-realta' t-talba tar-rikorrent ma tirrigwardax trasferiment benche' it-terminazzjoni tas-secondment tieghu mal-kumpanija. Ir-rikors tar-rikorrent ma jhalli l-ebda dubbju f'dan ir-rigward ghax ir-rikorrent stess jammetti li t-transfer li qed jilmenta fuqu mhux xejn hlief il-fatt li ntbaghat lura jahdem fil-Garaxx tal-Gvern fejn kien jahdem qabel ma gie seconded

mal-Kalaxlokk. L-ilment veru tar-rikorrent, ghalhekk, ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta' l-1997. Infatti t-terminazzjoni ta' sekondment ma tinkwadra ruhha fl-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi artikolu 6. Huwa car li din l-allegazzjoni ma taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (c) sa (e) tal-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinkwadra ruhha la taht il-paragrafu (a) lanqas taht il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subinciz (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni.

In fatti, kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) jitkellmu dwar hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici jew ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi. L-ebda wiehed minn dawn il-paragrafi ma jindika "terminazzjoni ta' secondment" bhala bazi li tirradika l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghaldaqstant ilment dwar terminazzjoni ta' secondment ma jista jkun qatt ikkunsidrat minn dan it-Tribunal.

Jinghad ukoll ghall kull buon fini li terminazzjoni ta' secondment qatt ma tista tigi interpretata bhala "trasferiment". Madankollu anke li kieku ghas-sahha ta' l-argument terminazzjoni ta' secondment kellha titqies bhala "trasferiment", xorta wahda dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jikkunsidra dan l-ilment tar-rikorrent. Skond l-artikolu 2 tal-Att in kwistjoni, ufficjal pubbliku ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. Ma jistax ikun hemm dubbju li r-rikorrent kien ufficjal pubbliku ghax hu stess jghid fir-rikors tieghu li "kien impjegat tal-Gvern mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici" u li gie "seconded mal-kumpanija Kalaxlokk". L-istess kliem tar-rikorrent ma jhalli l-ebda dubbju li

r-rikorrent stess jammetti li hu baqa' impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici anke meta huwa kien sekondat ma' Kalaxlokk Company Limited. Ir-rikorrent ghalhekk qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta esponenti. Huwa ovvju li socjeta' kummercjali anke jekk il-gvern ikollu "shareholding" sostanzjali fiha, qatt ma tista tkun f'posizzjoni li taghti "trasferiment" lill-ufficjal pubbliku u li ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu taht dan il-paragrafu. Se mai, huwa d-dipartiment tal-Gvern koncernat li ghandu l-poter li jaghti "transfer lil ufficjal pubbliku u mhux semplici socjeta' bhal ma hija dik esponenti.

Similment l-ilment tar-rikorrent mama jistax jinkwadra ruhu taht il-paragrafu (b) ghax kif diga gie spjegat aktar "il fuq r-rikorrent qatt ma kien impjegat ta' Kalaxlokk Company Limited u ghalhekk qatt ma kien impjegat ta' xi korp imwaqqaf b'ligi.

Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent dwar it-terminazzjoni tas-secodment tieghu ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) is-subinciz wiehed (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni, dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkonsidra dan l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tair-rikorrent u ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrent kontra ir-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal, fil-mertu ma saret l-ebda ngustizzja mar-rikorrent. Dan qed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet.

(a) Ir-rikorrent jallega li s-secondment tieghu mair-rikorrent gie terminat fl-1 ta' Lulju ta' l-1988 wara li obda direttiva tal-General Workers Union li hu membru taghha sabiex johrog fuq strike wara li dahlu malta numru ta' vapuri ta' taghmir nukleari u li dan it-"transfer" kien wiehed vendikattiv u politiku. Ovvjalment jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova dak li qed jallega u specjalment li jipprova li s-secondment tieghu gie terminat minhabba din ir-raguni u mhux minhabba ragunijiet ohra. Min-naha taghha, s-socjeta esponenti tirrifjuta kategorikament bhala infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent.

(b) Ir-rikorrent jilmenta wkoll li b'rizultat tat-terminazzjoni tas-sekondment tieghu mas-socjeta' esponenti, hu tnaqqsulu xi Lm13.00 fil-gimgha. Ir-rikorrenti jixtieq jirrileva li huwa estranju ghal dan il-fat, u li ghalhekk m'ghandux jirrispondi ghalih. Inoltre jinghad ukoll li hwua ovvju li jekk ir-rikorrent kien qed jippercepixxi xi allowance mentri kien sekondat mas-socjeta' esponenti (u li allura din tnaqqsitlu meta mar lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici), huwa kien qed jaghmel dan minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed jaghmel waqt li kien hekk sekondat. Huwa daqstant ovvju li galadarba secondment min-natura tieghu huwa ta' natura temporanja u qatt ma hu permanenti, ir-rikorrent kien jaf jew imissu kien jaf li kien ser jasal zmien meta s-socjeta esponenti ma kienx ser jibqala bzonn tas-servizzi temporanji tieghu u li ghalhekk hu kien ser jerga jmur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bil-konsegwneza necessarja li ma jibqax jippercepixxi l-imsemmija allowance. Fi kliem iehor, ir-rikorrent kief jaf jew imissu kien jaf li tali allowance kienet ser tkun ghal zmien limitat u mhux ghal dejjem u ghalhekk issa ma jistax

jilmenta li saret mieghu xi ngustizzja ghax ma baqax jippercepixxi tali allowance.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` lix-xhieda bil-gurament.

Sema` l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din id-decizzjoni hi dwar zewg eccezzjonijiet u cioe':

1. l-eccezzjoni tal-intimat Chairman tal-Kalaxlokk Company Limited dwar il-kompetenza tat-Tribunal stante li hu jargumenta li dan il-kaz ma jirrigwardax trasferiment izda terminazzjoni ta' secondment u bhala tali terminazzjoni jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal;
2. l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata N.O.V.I.T.A'. Construction Company Limited dwar li l-istess socjeta' ma taqax taht l-Att VIII tal-1997.

Dwar l-ewwel eccezzjoni wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

It-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fuq l-istess eccezzjoni fil-kawz fl-ismijiet Vincent Camilleri vs Chairman Kalaxlokk Company Limited deciza fis-26 ta’ Ottubru, 2000 fejn it-Tribunal qal:

"Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata

espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Ta’ min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:
“Minkejja kull ma jinsab f’kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b’mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ohra:”
Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta’ l-Impiegi that il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f’azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Gie deciz diversi drabi li terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. Intqal li l-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997.

Izda hawn wiehed irid jezamina jekk meta persuna tkun seconded u dan is-secondment jispicca, dan hu terminazzjoni jew trasferiment? Strettament is-secondment ikun spicca u ghalhekk wiehed irid jasal ghal fatt li hemm terminazzjoni ta' secondment. Izda hawn il-gudikant ghandu l-obbligu li jara jekk fil-***mens legis*** dan hux il-kaz. Meta l-legislatur ikkwalifika x'jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal kien qieghed idahhal certu kazijiet u mhux ohrajn u infatti t-terminazzjoni giet imhollija barra anke minhabba l-fatt li terminazzjoni hija trattata direttament taht ligi ohra. Izda f'dan il-kaz ma hemmx terminazzjoni ta' impieg tant li r-rikorrent ma spiccax unemployed. Zgur li f'dan il-kaz ir-rikorrent ma setghax imur quddiem it-Tribunal ghar-Relazzjonijiet Industrijali biex jilmenta dwar il-kaz tieghu ghax-terminazzjoni ta' impieg ma hemmx. Li hemm huwa li minflokk li r-rikorrent baqa' assenjat doveri mal-Kumpanija spicca lura f'dipartiment, u cioe' ghal fini ta' l-Att VIII tal-1997 gie trasferit lura. Ghalhekk il-kaz jibqa' ta' kompetenza tat-Tribunal."

Ghal dawn il-motivi, jichad l-eccezzjoni sollevata mill-Kalaxlokk Company Limited. Spejjez riservati ghas-sentenza finali.

Trid tigi deciza ukoll l-eccezzjoni li n-N.O.V.I.T.A’. Construction Company Limited ma taqax taht l-Att VIII tal-1997.

L-imsemmija socjeta’ ssostni li hija private limited liability company. Issostni li fiha l-Gvern jew kwalunkwe korporazzjoni ohra la qatt kellhom u lanqas ghandhom ebda interess la maggoritarju u lanqas minoritarju. Ghalhekk sostnit li ma taqax taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

L-artikolu 5 (1) jghid:

“Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta’ dan 1-artikolu, dan l-Att japplika ghall-Gvern, u ghal kull korp imwaqqaf b'ligi kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan 1-Att (hawn iktar 'il quddiem f'dan l-Att msejha "il-persuni li ghalihom dan l-Att japplika").

(2) F'dan 1-Att, kull riferenza ghall-Gvern tinkludi riferenza ghal kull dipartiment tal-Gvern jew awtorità ohra tal-Gvern, kull Ministru jew Segretarju Parlamentari, kull ufficjal pubbliku u kull membru, jew impjegat, ta' awtorità tal-Gvern. Kull riferenza ghal korp imwaqqaf b'ligi jew korp iehor tinkludi riferenza ghal kull direttur, membru, rnanager jew ufficjal jew impjegat iehor ta' dak il-korp.”

Fl-artikolu 2 hemm id-definizzjoni ta’ "korp imwaqqaf b’ligi" tfisser kull korporazzjoni jew korp maghqud iehor imwaqqaf b’ligi u tinkludi kull socjetà jew korp iehor li fih il-Gvern jew xi korp wiehed jew iktar minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew kull kombinazzjoni taghhom ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew kellhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’

Mejju, 1995 jew li fuqhom il-Gvern jew xi korp wiehed jew iktar bhal dawk jew kull kombinazzjoni taghhom ikollhom kontroll effettiv jew kellhom kontroll effettiv bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995".

A fol 33 hemm affidavit ta' Dr Aldo Vella li jokkupa l-kariga [u ilu jokkupa mid-data tal-inkorporazzjoni tal-istess socjeta'] ta' Company Secretary tas-Socjeta' N.O.V.I.T.A'. Construction Company Limited. Iddikjara li l-Gvern jew kwalunkwe Korporazzjoni ohra la qatt kellhom u lanqas ghandhom illum ebda interess fis-socjeta' N.O.V.I.T.A'. Construction Company Limited, u dan la maggoritarju u lanqas minoritarju bil-mod kif kontemplat fl-Att VIII tal-1997.

Minn-naha tar-rikorrent dan ma gab ebda prova ta' konnessjoni mal-imsemmija socjeta'. Ghalhekk jilqa' din l-eccezzjoni u jiddikjara li l-imsemmija socjeta' ma taqax taht l-Att VIII tal-1997 u ghalhekk ma taqax taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal. Spejjez ta' din l-eccezzjoni kontra r-rikorrent.

Il-kawza differita ghall-kontinwazzjoni ghall-21 ta' Marzu, 2001 fl-10.15 b' dan li r-rikorrent ghandu jipprezenta affidavit sal-14 ta' Dicembru, 2000 bil-visto jew notifika tal-kontroparti.